MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Numru 25/2011

**“Il-Pulizija (Spettur Therese Sciberras)**

**v.**

**Jeffrey Cassar u *… omissis …*”**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon tat-12 ta’ Ottubru 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Jeffrey Cassar naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu, u naqas milli jinforma lill-istess ufficjal tal-*probation* bi bdil ta’ l-indirizz fejn kien qieghed jirrisjedi;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Gunju 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 49 u 50, 95, 261(b)(c), 263(a), 267, 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jeffrey Cassar hati tar-reati addebitat lilu, u cioe` talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer, u cioe` Bugibba, San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Gunju 2008 f'xi hin bejn nofsinhar u l-5.00 p.m. ikkommetta serq, liema serq huwa ta' valur ta' aktar minn 23[2.94] euro u inqas minn 2,300 euro ghad-detriment ta' terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz;

(2) fid-9 ta' Lulju 2008 f'Bugibba, San Pawl il-Bahar, f'xi hin bejn nofsinhar u l-5.00 p.m. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku, u cioe` P.S. 715 u P.S. 214 u ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat li jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor;

(3) sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti;

u qeghditu taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin;

**3.** Semghet id-deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon; rat l-atti kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**4.** L-ordni ta' *probation* maghmul fil-konfront ta' l-imsemmi Jeffrey Cassar stabbilixxa s-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.**

**"2. ….**

**“3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu;**

**“4. Li ghandu jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun hekk irid, jircievi zjarat ta’ l-istess ufficjal tal-*probation*.**

**“5. Li jhallas dak kollu li hu seraq.”**

**5.** Mix-xiehda li tat l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011 jirrizulta li hija kienet diga` ghamlet denunzja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali stante li l-*probationer* ma kienx qieghed jattendi appuntamenti. Din id-denunzja saret ghall-istess raguni u ghax ma nfurmahiex bil-bdil fl-indirizz tieghu. Hija qalet illi l-*probationer* m’ghandux problema ta’ droga izda ghandu rabja kbira u *“a bit of anti-social behaviour”*. Kien biss meta gie notifikat b’din id-denunzja li beda jattendi appuntamenti.

**6.** Bhalma solitament taghmel din il-Qorti, wara li semghet lill-ufficjal tal-*probation*, iddifferiet id-denunzja sabiex ikun hemm il-possibilita` li l-*probationer* juri jekk kienx veranment fl-ahhar dispost biex isegwi l-ordni ta’ *probation*. Sfortunatament il-*probationer* ma deherx ghas-seduta sussegwenti u kellu jinhareg mandat ta’ arrest. Dan ma giex esegwit ghax ma nstabx fl-indirizz fejn kien qieghed jirrisjedi u skond in-nota tal-marixxal datata 29 ta’ Marzu 2012, il-mandat ma giex esegwit ghax meta l-marixxal marret fl-indirizz tieghu, giet infurmata min-nannu tal-*probationer* li dan kien ilu tlett ijiem ma jersaq lejn id-dar. Mit-30 ta’ Marzu 2012 id-denunzja thalliet ghas-27 ta’ April 2012 izda lanqas ghal dakinhar ma seta’ jigi esegwit il-mandat, peress illi meta marret il-marixxal assistita minn purtier biex tesegwixxi l-mandat, wara li dam biex jifthilhom il-bieb, qalilhom li kien ma jiflahx, talbuh

certifikat, qallhom li se jcempel lit-tabib u ghalqilhom il-bieb. Qaghdu jistennew, habbtulu inutilment, gew Pulizija u meta tfacca n-nannu tal-*probationer*, fethilhom u dahlu jfittxuh izda ma sabuhx. Ghas-seduta sussegwenti l-Qorti giet infurmata li l-*probationer* kien l-Isptar u li ghandu jintbaghat certifikat izda dan ic-certifikat ma jidher li wasal qatt. Il-*probationer* fl-ahhar kien prezenti ghas-seduta tat-22 ta’ Gunju 2012 meta l-ufficjal tal-*probationer* infurmat lil din il-Qorti illi effettivament tul l-ahhar xahrejn il-*probationer* kien qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kien gie kkundannat ghal piena ta’ prigunerija izda li kien appella. Din il-Qorti ghalhekk ordnat li tigi esebita kopja tal-fedina penali aggornata tal-*probationer* u kopja tas-sentenza li ghaliha saret referenza mill-ufficjal tal-*probation*. Dawn gew esebiti minn Dr. Giannella Busuttil ghall-Avukat Generali fis-seduta ta’ l-20 ta’ Lulju 2012 flimkien ma’ kopja tar-rikors ta’ appell. Saret id-debita trattazzjoni fis-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2012.

**7.** Huwa evidenti illi l-*probationer*, nonostante illi meta rcieva d-denunzja attenda xi appuntamenti ma’ l-ufficjal tal-*probation*, agixxa vis-à-vis din il-Qorti bl-istess mod li kien jagixxi ma’ l-ufficjal tal-*probation*. Dawk il-ftit appuntamenti kienu ftit wisq u tard wisq ghax il-*probationer* wera illi ma kienx interessat jilqa’ dik li, wara kollox, ma hija xejn aktar hlief ghajnuna siewja sabiex jaghraf jiffaccja l-problemi tieghu, u dan fl-interess tieghu stess u anke fl-interess tas-socjeta`. Ma jistax ikun illi Qorti taghti opportunita` lil persuna biex issewwi triqitha u, minflok tahtaf dik l-opportunita`, tipprova tevita r-responsabbiltajiet taghha. In-nuqqasijiet tal-*probationer* fl-osservanza tal-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation* iridu, fic-cirkostanzi, jitqiesu bhala nuqqasijiet serji ghax minhabba dawk in-nuqqasijiet ma halliex l-ordni ta’ *probation* jiehu l-perkors tieghu naturali. Ghalhekk issa jrid jiffaccja r-riguri tal-ligi, u din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**8.** Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Gunju 2012 mnejn jidher illi dik il-Qorti ttrattat ma' l-istess Jeffrey Cassar dwar ksur ta' ordni ta' *probation* datat 25 ta' Novembru 2011, u ghalhekk ordni differenti minn dak odjern. Imbaghad mill-fedina penali aggornata tal-*probationer* jidher, almenu *prima facie*, illi huwa tqieghed taht *probation* darbtejn, inghata *conditional discharge* tliet darbiet, gie kkundannat ghall-hlas ta' multa erba' darbiet, ghall-hlas ta' ammenda darbtejn, ghal R & A darba kif ukoll gie kkundannat darba ghal perijodu ta' xahrejn prigunerija. Jigifieri l-*probationer* inghata numru ta' opportunitajiet sabiex jaghraf isewwi triqtu izda inutilment.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Jeffrey Cassar kiser l-ordni ta' *probation* tat-22 ta' Gunju 2009, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati u addebitu hawn fuq imsemmija (fit-tieni paragrafu) u, wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 280(2), 338(ee), 49, 50 u 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Jeffrey Cassar ghal prigunerija ghal perijodu ta' disa' xhur. **Ghal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-hati ghajnuna psikologika.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------